MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 109/2013

**Avukat Dottor Michael Zammit Maempel**

**(ID: 51677 (M)) bhala mandatarju specjali**

**ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta`**

**estera Magyar Villamos Muvek Zartkoruen**

**Mukodo Reszvenytarsasag**

**(Numru tar-registrazzjoni CG. 01-10-041828)**

**vs.**

**Scardec Limited**

**(C-53533)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-4 ta' Frar, 2013, li permezz tieghu sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi l-procedura odjerna hi wahda bbazata fuq ir-Regolament (EC) 805/2004 tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea datat il-21 ta' April, 2004;

1.2. Illi b'kuntratt datat id-9 ta' Marzu, 2012, *in atti* tan-Nutar Dottor Judit Bokai is-socjeta` intimata kkostitwiet ruhha garanti tas-socjeta` Decotra S.r.l. fis-somma ta' zewg miljun Ewro, (€2,000,000.00), (ara foll 9 *et sequitur*);

1.3. Illi d-debitu surriferit ma thallasx mis-socjeta` debitrici;

1.4. Illi konsegwentement is-socjeta` intimata, bhala socjeta` garanti, ghandha l-obbligu li thallas is-somma in kwistjoni;

1.5. Illi l-kuntratt fuq riferit hu titolu ezekuttiv ezegwibbli l-Ungerija, stat membru ta' l-Unjoni Ewropea, (ara foll 35);

1.6. Illi r-rikorrenti ghandhom interess jezegwixxu it-titolu ezekuttiv in dizamina u konsegwentement aderew din il-qorti biex din:

1.6.1. Tiddikjara l-istess kuntratt fuq riferit bhala titolu ezekuttiv ezegwibbli f'Malta;

1.6.2. Tawtorizza l-esekuzzjoni tal-kuntratt *de quo* datat id-9 ta' Marzu, 2012, biex ir-rikorrenti *nomine* jezigi l-hlas ta' zewg miljun Ewro, (€2,000,000.00) mis-socjeta` intimata, bl-imghaxijiet mid-dati ta' l-iskadenzi msemmija fl-istess kuntratt sad-data ta' l-effettiv pagament;

1.6.3. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata;

2.0. Rat ir-risposta datata l-15 ta' Mejju, 2013, li permezz taghha s-socjeta` intimata sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti:

2.1. Illi r-rikorrenti *nomine* ghandu jipprezenta kopja legali tas-sentenza flimkien ma' certifikat *ai termini* ta' l-artiklu 53 u 54 tar-Regolamenti in dizamina;

2.2. Illi ghandu jipprova li s-socjeta` intimata giet notifikata bil-proceduri involuti;

2.3. Illi jipprova li giet segwita l-procedura korretta biex jinhareg it-titolu ezekuttiv in dizamina;

2.4. Illi ma jezistux ir-rekwiziti rikjesti biex jigi infurzat ir-Regolament Ewropew in dizamina;

3. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

4. Semghet it-trattazzjoni orali fir-rigward;

Ikkunsidrat:

5. Illi in sintesi din il-procedura hi limitata ghall-fatt jekk kuntratt regolarment redatt f'pajjiz li hu kwalifikat bhala Stat Membru tal-unjoni Ewropea jistax jigi enforzat f'Malta, li ukoll hi Stat Membru ta' l-istess Unjoni;

6. Illi mill-analizi legali sottoskritta jirrizulta assodat li kuntratt redatt l-Ungerija, munit bil-*"European Enforcement Order Certificate"* skont il-ligi, jikkwalifika bhala dokument enforzabbli fi kwalunkwe Stat Membru ta' l-istess Unjoni;

7. Illi l-kuntratt in dizamina datat id-9 ta' Marzu, 2012, hu wiehed li hu munit bl-imsemmi certifikat indikat fil-paragrafu precedenti;

8. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li konsegwenza ghall-istess, il-kuntratt *de quo* hu ezegwibbli f'Malta;

**DECIDE:**

9.0. Illi in vista tal-premess, din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti *nomine* pprova il-kaz tieghu skont il-ligi u konsegwentement:

9.1. Tiddikjara li l-kuntratt fuq riferit hu titolu ezekuttiv ezegwibbli f'Malta;

9.2. Tawtorizza l-esekuzzjoni ta' l-istess kuntratt datat id-9 ta' Marzu, 2012, *in atti* tan-Nutar Dottor Judit Bokai biex permezz t'hekk ir-rikorrenti *nomine* jkun jista` jesigi l-hlas ta' l-ammont hemm stabbilit bejn il-kontraenti mis-socjeta` intimata, bl-imghax dovut mid-dati ta' l-iskadenzi sad-data tal-pagament effettiv;

9.3. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------